

32001R1202

L 163/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.6.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1202/2001**tad-19 ta' Ġunju 2001****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 174/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 dwar il-liċenzji ta' l-esportazzjonijiet u r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjonijiet fil-każ tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' l-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 fuq l-organizzazzjoni tas-suq komuni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1670/2000 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 30(1) u 31 (3) li joħorġu minnu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 20a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2001 ⁽⁴⁾, iniżżel id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ġestjoni tal-kwota tat-trab tal-ħalib għall-esportazzjoni lejn ir-Repubblika Dominikana taħt il-Memorandum ta' Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Dominikana u approvata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 98/486/KE ⁽⁵⁾. L-iskop tad-dispożizzjoni fuq il-perjodu tal-validità tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa taħt dik il-kwota għandu jkun kjarifikat.

- (2) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni ta' l-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 20a(13) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 huwa mibdul bit-test li ġej:

“13. Minkejja l-Artikolu 6, il-liċenzji ta' l-esportazzjoni jkunu validi mill-ewwel ġurnata attwali tal-ħruġ tagħhom skond it-tifsira ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 sat-30 ta' Ġunju tas-sena tal-kwota li għaliha saret l-applikazzjoni tal-liċenzja.”

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament jibda jseħħ mit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jgħodd għall-liċenzji maħruġa mill-1 ta' Ġunju 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.

⁽²⁾ ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 20, tas-27.1.1999, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 118, tas-27.4.2001, p. 4.

⁽⁵⁾ ĠU L 218, tas-6.8.1998, p. 45.